MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 133/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Aldo Debono**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Aldo Debono (numru tal-karta ta’ l-identita` 236883M) talli (**i**) fil-5 ta’ Mejju, 2000, gewwa dawn il-Gzejjer, xtara, jew ircieva, kellu fil-pussess tieghu, jew mexxa biljetti ta’ flus iffalsifikati u cioe` karta tal-flus tad-denominazzjoni tal-Lm20, ghad-detriment tal-Electro Water Supplies ta’ Hal-Qormi, u dan bi ksur tal-Artikoli 45 u 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta; (**ii**) talli fl-istess data u lok saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAN-041 minghajr ma’ kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija, jew minghajr licenzja specifika ghall-imsemmija vettura, u (**iii**) b’hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta` dwar ir-riskju tat-terzi persuni; il-prosekuzzjoni

talbet li l-imsemmi Debono jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu licenzja tas-sewqan ghal periodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Marzu, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Aldo Debono mhux hati skond l-ewwel imputazzjoni, izda sabitu hati skond it-tieni imputazzjoni u kkundannatu ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25) u sabitu wkoll hati skond it-tielet imputazzjoni u kkundanntu ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira  (Lm25) ohra; dik il-qorti skwalifikat lill-imsemmi Debono milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal tnax-il xahar mid-data ta' dik is-sentenza; fl-ahharnett dik il-Qorti ordnat il-konfiska u d-distruzzjoni tal-biljett ta' Lm20 falz ezibit a fol. 108 tal-process;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali, minnu prezentat fit-2 ta' April 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2007; ikkunsidrat:

L-appellant Avukat Generali jikkontendi li mill-provi kien jirrizulta b'mod car li l-appellat Aldo Debono kien jew ko-awtur jew, *in pessima ipotesi*, komplici fir-reati ipotizzati fl-ewwel imputazzjoni, u cioe` r-reati ta' min imexxi biljett ta' flus falsifikat li jkun jaf li hu falsifikat (Artikolu 45, wara l-emenda tal-Att III tal-2004 rienumerat Artikolu 45(1) tal-Kap. 204), u r-reat ta' min ikollu fil-kustodja jew pussess tieghu biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li hu falsifikat (Art. 46 tal-imsemmi Kap. 204). L-Avukat Generali qieghed ghalhekk jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lil Debono hati skond it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u fejn ikkundannatu ghal dawn l-imputazzjonijiet, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberatu mill-ewwel imputazzjoni u minflok issibu hati skond din l-imputazzjoni (li, kif tajjeb jirrileva, in realta` tikkomprendi zewg reati distinti minn xulxin) u tikkundannah ghall-piena skond il-ligi.

Din il-Qorti ezaminat l-atti kollha, u frankament ma tistax tifhem kif l-ewwel qorti lliberat lill-appellat mill-ewwel imputazzjoni. Kif gustament jirrileva l-Avukat Generali fir-rikors ta' appell tieghu, jidher li l-ewwel qorti hadet in konsiderazzjoni biss dak li qal ix-xhud Natal Falzon, fis-sens li l-appellat Debono dahal fil-hanut ma' persuna ohra, izda kienet il-persuna l-ohra li pprezentat il-karta ta' Lm20 falza. Ghalhekk l-ewwel qorti kkonkludiet li *"…ma giex pruvat sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali, u cioe` lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-imputat kien xtara, ircieva jew kellu fil-pusses tieghu jew mexxa biljetti foloz. Kullma gie pruvat kien li huwa kien qed jakkompanja lill-persuna l-ohra fil-hanut ta' Natalino Falzon…"*. Jidher li l-ewwel qorti injorat kompletament l-istqarrija[1] li Debono irrilaxxja lill-pulizija kif appena gie rintraccjat u interrogat – stqarrija li ma giet b'ebda mod kontestata ghal dik li hija volontarjeta` jew korrettezza tal-kontenut taghha. In fatti jekk wiehed jiehu din l-istqarrija – mnejn jirrizulta li l-appellat kien jaf minn qabel ma wassal lill-persuna l-ohra sal-hanut li din il-persuna l-ohra kellha fuqha biljetti kemm tal-ghaxar liri kif ukoll tal-ghoxrin lira li kienu foloz – <u>flimkien mad-deposizzjoni</u> ta' Falzon – mnejn jirrizulta li l-appellat dahal fil-hanut ta' Falzon flimkien mal-persuna l-ohra biex jixtri erba' *squeezers* u anke ppartecipa f'bicca ta' *messa in scena* meta, fuq mistoqsija tal-persuna l-ohra, "ikkonferma" li dawk kienu l-i*squeezers* li riedet ommu – ma jistax ikun hemm l-icken dubbju li l-appellat kien qed jippartecipa <u>fi grad ta' ko-awtur</u> (u mhux semplicement ta' komplici) fl-ispaccjar ta' biljett ta' flus falz. Ghalhekk din il-Qorti sejra tirriforma s-sentenza appellata u sejra ssib lill-appellat hati li mexxa biljett ta' flus iffalsifikat li kien jaf li hu ffalsifikat, u dan bi ksur tal-ewwel parti ta' l-Artikolu 45(1) tal-Kap. 204.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li r-reat li tieghu issa l-appellat qed jinstab hati huwa wiehed mill-arktar serju, ghax itendi li jimmina l-fiducja fil-valuti legali u fil-flus in cirkolazzjoni, u b'dan il-mod jimmina wkoll l-istituzzjonijiet finanzjarji li jipprovdu pedament

[1] Fol. 19-20 tal-attijiet tal-kawza.

essenzjali ghall-kummerc u l-ekonomija tal-pajjiz. Huwa proprju ghalhekk li l-legislatur ipprovda li dan ir-reat igorr piena minn minimu ta’ sentejn sa massimu ta’ disa’ snin prigunerija. Jista’ jaghti l-kaz li l-appellat u siehbu ghamlu dak li ghamlu bhala vavata tat-tfal – l-appellat kellu biss sbatax-il sena fiz-zmien tar-reat – izda r-reat jibqa’ wiehed li jgorr mieghu il-piena ta’ prigunerija. Din il-Qorti, pero`, sejra tiehu in konsiderazzjoni kemm it-tnaqqis fil-piena komminat bl-Artikolu 37 tal-Kodici Krimnali minhabba l-eta`, kif ukoll il-fatt li l-appellat ma jirrizultax li qatt kellu incidenti ohra mal-gustizzja hlief dan. Infatti il-fedina penali ezibita fil-mori ta’ dana l-appell hija kompletament nadifa (evidentement minhabba l-appell interpost mill-Avukat Generali kienu ghadhom ma tnizzlux fiha l-kundanni dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni).

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali u konsegwentement thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata li permezz taghha l-ewwel qorti ddikjarat lill-appellat Aldo Debono mhux hati skond l-ewwel imputazzjoni u minflok tiddikjarah hati talli fil-5 ta’ Mejju 2000 mexxa biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li hu falsifikat bi ksur tal-Artikolu 45(1) tal-Kap. 204 <u>u tikkundannah ghall-piena ta’ sentejn prigunerija</u>, b’dan pero` li, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap. 9, din is-sentneza m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu operattiv ta’ tlett snin mill-lum, l-istess Aldo Debono jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Ghal kull buon fini qed jigi dikjarat li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilta` tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Inoltre din il-Qorti tosserva li l-ewwel qorti ma osservatx id-disposizzjoni tal-Artikolu 49A(3) tal-Kap. 204. Ghalhekk din il-Qorti qieghda thassar l-ordni ta’ l-ewwel qorti ghall-“konfiska u d-distruzzjoni tal-biljett ta’ Lm20 falz ezibit a fol. 108 tal-process” u minflok tordna li r-Registratur jinforma bil-miktub lill-Gvernatur tal-Bank Centrali ta’ Malta bl-ezistenza ta’ dan il-biljett, u jiehu minghand l-istess

Gvernatur id-direttivi dwar jekk il-biljett ghandux jigi distrutt jew altrimenti ikkonsenjat lill-Bank Centrali.

Fl-ahharnett tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (8) tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------